

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament (UE) [.../....] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima]**

COM(2010) 611 finali – 2010/0303 (COD)

(2011/C 107/14)

Relatur: **is-Sur SIMONS**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, nhar it-22 u l-10 ta' Novembru 2010 rispettivament, iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Ewropa, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

il-Proposta għal Regolament (EU) [.../...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima]

COM (2010) 611 finali – 2010/0303 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-2 ta' Frar 2011.

Matul l-469 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Frar 2011 (seduta tas-16 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'114-il vot favur u astensjoni waħda (1).

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat bi pjaċir jilqa' r-rwol li taqdi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) fit-titjib tas-sigurtà marittima fl-Istati Membri, u jqis li fil-ġejjieni ser ikun ferm importanti li l-kompiti u l-kompetenzi tal-EMSA jiġu estiżi b'mod responsabbli.

1.2 B"mod responsabbli", il-Kumitat jixtieq ifisser li l-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-EMSA għandhom jiġu formulati u stabbiliti b'mod iktar ċar milli kienu s'issa, sabiex ma jkunx hemm aktar interpretazzjoni ħażina tat-tqassim tal-kompiti bejn l-EMSA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

1.3 Fil-kuntest tal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-Kumitat jixtieq jindika li fuq ċerti punti, il-proposta tal-Kummissjoni tantiċipa r-rwol li l-EMSA tista' taqdi fil-ġejjieni. L-ewwel trid tittieħed deċiżjoni fil-livell Ewropew.

1.4 Il-Kumitat jinsab sorpriż li fl-Artikolu 2(2)(d) issemmev f'daqqa waħda "il-passaġġi interni tal-ilma". Ma saret l-ebda referenza oħra għall-passaġġi interni, la fil-leġislazzjoni eżistenti rilevanti, li kif jindika t-titolu, tindirizza biss kwistjonijiet marittimi, u lanqas fil-memorandum ta' spjegazzjoni, il-valutazzjonijiet tal-impatt jew il-premessi tal-emenda attwali. M'hemm l-ebda ħjiel tar-raġuni u l-ġustifikazzjoni għall-inklużjoni tal-passaġġi interni, l-ambitu ta' din iż-żieda, il-ħtiġiet tekniċi involuti, u kif ser jiġu indirizzati kemm il-politiki differenti dwar il-baħar u l-passaġġi interni kif ukoll l-arranġamenti totalment differenti ta' governanza u amministrazzjoni fil-livell nazzjonali u internazzjonali. Għal dawn ir-raġunijiet biss, biex ma nsemmux il-fatt li diġà twaqqfu servizzi separati għat-traffiku

tal-bastimenti għax dawn iż-żewġ modi ta' trasport huma totalment differenti, ir-referenza għall-passaġġi tal-ilma għandha titneħħa.

1.5 Ċertament, il-Kumitat jista' jistenna li dalwaqt tinħoloq bażi ġuridika, u għalhekk ambitu baġitarju wkoll, li permezz tiegħu l-Aġenzija jkollha l-mezzi biex tappoġġja lill-Kummissjoni b'għarfien u esperjenza rilevanti u speċifiċi, minħabba l-attivitatiet tagħha fil-qasam marittimu, iżda dan m'għandux japplika biss għall-modi kollha tat-trasport, imma anke għall-oqsma ta' politika barra t-trasport.

1.6 B'mod ġenerali, il-Kumitat jinsab kuntent bil-proposta biex ir-regolament bażi jsir iktar konformi mal-leġislazzjoni Ewropea fit-tielet pakkett ta' sigurtà marittima.

1.7 Il-Kumitat jirrakkomanda li r-rwoli tal-EMSA, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Bord Amministrattiv jiġu ċċarati, b'mod speċjali dwar kif se jiġu organizzati l-ispezzjonijiet.

1.8 Għalhekk, il-Kumitat jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li meta jiġu stabbiliti l-metodi ta' ħidma għall-ispezzjonijiet tal-EMSA jiġi segwit l-eżempju tal-Aġenzija Ewropa tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

1.9 Il-Kumitat iqis li, billi fil-passat uriet il-valur miżjud tagħha, huwa meħtieġ li l-EMSA tingħata r-riżorsi umani u finanzjarji biex fil-ġejjieni tkun tista' tibqa' taqdi r-rwol tagħha b'mod responsabbli. Fil-fehma tal-Kumitat, dan ifisser li l-valutazzjonijiet esterni għandhom ikomplu jsiru fuq bażi regolari.

## 2. Daħla

2.1 Fit-28 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ħarġet il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà [Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima] – (COM(2010) 611 finali – 304/0303 (COD)), u b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ifassal opinjoni dwarha.

2.2 Il-Kumitat bi pjaċir laqa' din it-talba, għax iqis li din il-Proposta li temenda r-Regolament Nru 1406/2002 hija pass importanti 'l quddiem biex tissaħħaħ is-sigurtà marittima.

2.3 Għandu jinfakkar li l-kwistjoni tas-sigurtà marittima bdiet tingħatalha l-attenzjoni mil-lat politiku biss wara d-diżastru tat-tanker taż-żejt "Erika" li rriżulta f'danni serji ta' tniġġis taż-żejt.

2.4 Fl-aħħar tal-2000, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament biex titwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA). Din l-Aġenzija kellha tiffunzjona bħala korp tekniku, biex fl-UE jkun hemm livell għoli, uniformi u effikaċji ta' sigurtà marittima, u biex jiġi evitat it-tniġġis mill-bastimenti.

2.5 Ir-Regolament daħal fis-seħħ f'Awwiisu 2002, filwaqt li l-EMSA bdiet l-attivitajiet tagħha f'Marzu 2003. Minn dak iż-żmien 'l hawn ir-Regolament ġie emendat tliet darbiet.

2.6 L-ewwel emenda, ir-Regolament Nru 1644/2003, kienet tikkonċerna l-iktar il-proċeduri finanzjarji u baġitarji u kellha tiżgura iktar trasparenza.

2.7 It-tieni emenda, ir-Regolament Nru 724/2004, xprunata mill-inċident tal-"Prestige" fl-2002, tat lill-Aġenzija għadd konsiderevoli ta' kompiti ġodda, b'mod partikolari rigward il-viġilanza u l-prevenzjoni tat-tniġġis. Din l-emenda kkunsidrat ukoll l-iżviluppi fil-kompetenzi tal-UE relatati mas-sigurtà marittima.

2.8 B'din ir-reviżjoni l-EMSA ntalbet tipprovdi l-assistenza teknika fl-ispezzjonijiet, li l-Kummissjoni hi meħtieġa twettaq skont ir-Regolament 725/2004, bil-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-bastimenti u tal-faċilitajiet tal-portijiet.

2.9 L-EMSA ntalbet ukoll tassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni u tal-istabbiliment tat-taħriġ tal-baħħara kemm fil-pajjiżi tal-UE kif ukoll fil-pajjiżi terzi. Din l-għajnuna tinkludi l-istandards tat-taħriġ, iċ-ċertifikazzjoni u l-għassa li huma stabbiliti fl-hekk imsejħa Konvenzjoni STWC tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

2.10 It-tielet emenda saret fl-2006 bir-Regolament Nru 2038/2006. Fiha, ġie stabbilit qafas finanzjarju ta' EUR

154 miljun għall-EMSA għall-perjodu 2007-2013, biex din l-aġenzija tkun tista' twettaq attivitajiet għall-ġlieda kontra t-tniġġis.

2.11 L-iżviluppi f'dan il-qasam għadhom għaddejnin. Sabiex l-EMSA tkun tista' topera b'mod effettiv u effiċjenti hemm bżonn tal-proposta attwali għar-raba' emenda għar-Regolament 1406/2002.

2.12 L-għan tal-emenda proposta mill-Kummissjoni, minn naħa, huwa li tiċċara l-kompiti u r-rwol eżistenti tal-EMSA u, min-naħa l-oħra, li testendi l-kompiti tal-EMSA għal oqsma ġodda li qed jiġu żviluppati fil-livell internazzjonali u/jew tal-UE.

2.13 Fost l-attivitajiet attwali, l-EMSA tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'assistenza teknika u xjentifika sabiex tgħin lill-Istati Membri japplikaw sew il-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tas-sikurezza marittima, tas-sigurtà marittima u tal-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' din il-leġislazzjoni, jevalwaw l-effikaċja tal-miżuri stabbiliti u jikkontribwixxu fl-iżvilupp ta' miżuri ġodda.

2.14 Fil-Komunikazzjoni tagħha *L-iskopijiet strateġiċi u r-rak-komandazzjonijiet għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018*, il-Kummissjoni ddikjarat li beħsiebha tirrevedi l-mandat u t-tħaddim tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, sabiex tittejjeb iktar l-assistenza teknika u xjentifika li din tista' tagħti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

2.15 Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 ta' Marzu 2009, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex, fid-dawl tal-isfidi futuri, tiżviluppa miżuri bil-għan li ttejjeb ħidmet l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima hija u tipprovdi assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

2.16 Fuq talba tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sinerġiji fuq il-livell tal-UE rigward ċerti operazzjonijiet tal-gwardjani tal-kosta jstgħu jissaħħu permezz tal-attivitajiet tal-EMSA. Dan jista' jtwettaq billi l-kompiti tal-EMSA jiġu estiżi foqsa magħżula, b'mod partikolari l-monitoraġġ tat-traffiku marittimu u tar-rotot tat-tbaħħir, kif ukoll l-assistenza lill-Istati Membri sabiex jintraċċaw lin-niġġiesa potenzjali.

2.17 Kif inhu previst mir-Regolament 1406/2002, lejn l-aħħar tal-2007, il-Bord Amministrattiv tal-EMSA nkarigat kumpanija ta' konsulenza esterna sabiex twettaq valutazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tar-Regolament. Fir-rapport ta' din il-kumpanija ġie nnotat li f'xi oqsma hemm bżonn ta' titjib u kjarifiki, imma b'mod ġenerali ġie konkluż li l-Aġenzija tagħti valur miżjud lis-settur kollu kemm hu u b'mod partikolari liż-żewġ partijiet interessati l-iktar importanti - l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 F'opinjonijiet preċedenti <sup>(1)</sup> <sup>(2)</sup>, il-Kumitat enfasizza r-rwol kruċjali li taqdi l-EMSA fit-titjib tas-sigurtà marittima fl-Istati Membri. Fid-dawl tal-iżviluppi kontinwi fil-qasam tas-sigurtà marittima u b'hekk il-ħtieġa relatata tal-ispezzjonijiet u l-ġlieda kontra t-tniġġis, il-Kumitat jemmen li huwa ferm importanti li l-kompiti u d-dmirijiet tal-EMSA jiġu estiżi.

3.2 L-estensjoni proposta, fost affarijiet oħra, tikkonċerna l-appoġġ li l-EMSA tipprovdi lill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-IMO; ir-rwol tas-servizzi operattivi bħal SafeSeaNet li jikkontribwixxu għall-politika marittima integrata u biex is-sistemi jsiru interoperabbli; il-ġlieda kontra t-tniġġis marittimu minn attivitajiet ta' esplorazzjoni barra mill-kosta (offshore); il-kooperazzjoni teknika ma' pajjiżi terzi u l-għajnuna tal-Kummissjoni fl-ispezzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà.

3.3 Il-bażi ewlenija għall-emendar tar-Regolament prinċipalment hija t-tielet pakkett ta' miżuri favur is-sikurezza marittima, kif ukoll it-temi l-ġodda għall-istrateġija ta' ħames snin 2010-2014 tal-EMSA u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord Amministrattiv tal-EMSA dwar il-valutazzjoni tal-EMSA minn kumpanija estern.

3.4 Il-kompiti tal-EMSA għandhom ikunu iktar ċari u preċiżi rigward l-appoġġ li l-EMSA għandha tagħti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest ta' żviluppi ġodda, bħat-tielet pakkett ta' miżuri favur is-sikurezza marittima, il-politika marittima integrata tal-Unjoni, il-monitoraġġ marittimu, il-vijabbiltà ta' kosta gwardjana Ewropea, eċċ.

3.4.1 Il-Kumitat jinsab sorpriż li fl-Artikolu 2(2)(d) issemmwew f'daqqa waħda "il-passaġġi interni tal-ilma". Ma saret l-ebda referenza oħra għall-passaġġi interni, la fil-leġislazzjoni eżistenti rilevanti, li kif jindika t-titolu, jindirizza biss kwistjonijiet marittimi, u lanqas fil-memorandum ta' spjegazzjoni, il-valutazzjonijiet tal-impatt jew il-premessi tal-emenda attwali. M'hemm l-ebda ħjiel tar-raġuni u l-ġustifikazzjoni għall-inklużjoni tal-passaġġi interni, l-ambitu ta' din iż-żieda, il-ħtieġiet tekniċi involuti, u kif ser jiġu indirizzati kemm il-politiki differenti dwar il-baħar u l-passaġġi interni kif ukoll l-arranġamenti totalment differenti ta' governanza u amministrazzjoni fil-livell nazzjonali u internazzjonali. Għal dawn ir-raġunijiet biss, biex ma nsemmux il-fatt li diġà twaqqfu servizzi separati għat-traffiku tal-bastimenti għax dawn iż-żewġ modi ta' trasport huma totalment differenti, ir-referenza għall-passaġġi tal-ilma għandha titneħħa.

3.4.2 Ċertament, il-Kumitat jista' jistenna li dalwaqt tinholq bażi ġuridika, u għalhekk ambitu baġitarju wkoll, li permezz tiegħu l-Aġenzija jkollha l-mezzi biex tappoġġja lill-Kummissjoni b'għarfien u esperjenza rilevanti u speċifiċi, minħabba l-

attivitajiet tagħha fil-qasam marittimu, iżda dan m'għandux japplika biss għall-modi kollha tat-trasport, imma anke għall-oqsma ta' politika barra t-trasport.

3.4.3 L-Artikolu 2(1) jistabbilixxi l-oqsma li fihom din l-Aġenzija ser tappoġġja lill-Kummissjoni. Xi partijiet tal-Artikolu 2(2) ma jispeċifikawx liema assistenza għandha tkun parti mill-kompiti tal-EMSA filwaqt li partijiet oħra jispeċifikaw dan imma bi kliem inkonsistenti, joħlqu konfużjoni u f'xi punti, bħal fil-każ ta' 2(e), mhumiex ċari. Is-soluzzjoni tkun li dawn is-sezzjonijiet jitneħħew billi diġà jissemmwew fl-Artikolu 2(1).

3.5 Rigward il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kumitat japprova l-proposta għal emenda biex ir-Regolament isir iktar konformi mal-leġislazzjoni Ewropea skont it-tielet pakkett ta' miżuri favur is-sikurezza marittima. Madankollu jxtieq jenfasizza li, f'ċerti aspetti l-proposta tantiċipa r-rwol li l-EMSA tista' taqdi fil-futur, pereżempju fit-twaqqif ta' ċentri reġjonali, filwaqt li s'issa ma ttehdet l-ebda deċiżjoni dwar dan.

### 4. Kummenti speċifiċi

4.1 Fil-kuntest tal-aspetti tal-governanza, il-Kumitat jinnota li l-proposta tgħid li fl-organizzazzjoni tal-ispezzjonijiet "ir-rwoli tal-Aġenzija, tal-Kummissjoni, tal-Bord Amministrattiv u tal-Istati Membri jeħtieġ li jiġu ċċarati".

4.2 Naturalment, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Bord Amministrattiv jiffaċċjaw il-possibbiltà ta' kunflitt ta' interessi: minn naħa waħda, huma jiddeċiedu dwar l-attivitajiet u r-riżorsi tal-EMSA, b'mod partikolari dwar il-politika tal-ispezzjonijiet, min-naħa l-oħra huma jirrappreżentaw lill-amministrazzjonijiet nazzjonali, li huma stess huma soġġetti għall-ispezzjonijiet mill-EMSA fiem il-Kummissjoni sabiex tkun ikkontrollata l-konformità tar-regolamenti u tal-prattika nazzjonali mal-liġi applikabbli tal-UE.

4.3 Għalhekk, il-Kumitat jaqbel mat-test fl-Artikolu 3 dwar l-ispezzjonijiet tal-EMSA u jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li meta jiġu stabbiliti l-metodi ta' ħidma għall-ispezzjonijiet (proċedura tal-komitoloġija) jiġi segwit l-eżempju tal-Aġenzija Ewropa tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni.

4.4 Dan jiżgura l-involvement tal-partijiet interessati kollha - l-EMSA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri - filwaqt li jiġu rispettati r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet involuti.

4.5 Il-Kumitat huwa tal-fehma wkoll, li f'dan il-kuntest, għandha tingħata attenzjoni lill-kondizzjonijiet tal-għajxien u x-xogħol tal-baħħara, b'mod speċjali b'rabta mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-Baħħara (MLC ILO), naturalment safejn jikkonċerna biss l-ambitu tal-EMSA.

(1) ĠU C 28, 03.02.2006, p.16 (Mhux disponibbli bil-Malti).

(2) ĠU C 108, 30.04.2004, p.52 (Mhux disponibbli bil-Malti).

4.6 Il-Kumitat jixtieq jagħmel osservazzjoni dwar l-emenda proposta għall-Artikolu 5(3). L-emenda proposta tfisser li ċ-ċentri reġjonali li għad iridu jitwaqqfu mhux ser jitttrattaw biss kwistjonijiet marbuta mal-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti u t-trasport marittimu. Il-Kumitat iwissi li t-tħaddim tajjeb jiddependi minn ftehim ċar bejn l-Istati Membri u l-EMSA dwar min huwa responsabbli u kompetenti u f'liema qasam.

4.7 Il-bidliet fl-Artikoli 10 sa 19 jirrelataw l-iktar mal-korpi stabbiliti jew li għad iridu jiġu stabbiliti mill-EMSA, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tagħhom, iż-żidiet fil-persunal u s-sorsi ta' finanzjament.

4.8 Il-Kumitat iqis li billi fil-passat uriet li tista' toħloq valur miżjud importanti, huwa meħtieġ li l-EMSA tingħata r-riżorsi umani u finanzjarji biex tkun tista' tkompli taqdi r-rwol tagħha b'mod responsabbli. Kull restrizzjoni fir-riżorsi umani u finanzjarji, li tfisser li l-EMSA tkun tista' taqdi inqas kompiti, dejjem għandha titqies fid-dawl tal-konsegwenzi – negattivi – li jinħolqu jekk dawn l-attivitajiet ma jitwettqux.

4.9 Fl-aħħar nett, il-Kumitat jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord Amministrattiv tal-EMSA li fil-ġejjieni korp indipendenti għandu jwettaq valutazzjoni esterna tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija fuq bażi regolari.

Brussell, 16 ta' Frar 2011.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

---